

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: combit Software GmbH

Konvenuta: Commit Business Solutions Ltd

Dispożittiv

L-Artikolu 1(2), l-Artikolu 9(1)(b) u l-Artikolu 102(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta qorti tat-trade marks tal-Unjoni Ewropea tikkonstata li l-użu ta' sinjal joħloq probabbiltà ta' konfużjoni ma' trade mark tal-Unjoni Ewropea f'parti mit-territorju tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li ma joħloqx tali probabbiltà f'parti oħra ta' dan it-territorju, din il-qorti għandha tikkonkludi li hemm ksur tad-dritt esklużiv mogħti minn din it-trade mark u tippronunzja ordni ta' waqfien tal-imsemmi użu għat-territorju kollu tal-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni tal-parti ta' din tal-aħħar fejn ġiet ikkonstatata l-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni.

(¹) ĠU C 294, 07.09.2015

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tal-21 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Vredegerecht te Ieper – il-Belġju) – Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen NV vs Gregory Demey

(Kawża C-261/15) (¹)

(*Trasport bil-ferrovija — Regolament (KE) Nru 1371/2007 — Drittijiet u obbligi tal-passiġġieri — Assenza ta' biljett tat-trasport — Nuqqas ta' regolarizzazzjoni fit-termini — Reat kriminali*)

(2016/C 419/25)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Vredegerecht te Ieper

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen NV

Konvenut: Gregory Demey

Dispożittiv

L-aħħar sentenza tal-Artikolu 6(2) tal-Appendiċi A tal-Konvenzjoni dwar trasport internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF), tad-9 ta' Mejju 1980, kif modifikata bil-protokoll għall-modifika tal-COTIF tat-3 ta' Ġunju 1999, li jinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, għandha tiġi interpretata fis-sens li ma tipprekludix dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu li persuna li twettaq vjaġġ bil-ferrovija mingħajr ma jkollha biljett tat-trasport għal dan l-għan u li ma tirregolarizzax is-sitwazzjoni tagħha fit-termini previsti minn dawn id-dispożizzjonijiet ma jkollhiex rabta kuntrattwali mal-impriża ferrovjarja.

(¹) ĠU C 270, 17.8.2015.